# Scout's Honour

## Fgura Scout Group

Issue 2023



# “A scout is to smile and whistle under all circumstances” – Baden Powell

---

**Din hija l-ewwel edizjoni ta’ “Scout’s Honour”**

Magħmul u editjat minn Andrew Lombardo

Approvat mill-GSL, Brian Farrugia

Ritratt tal-qoxra meħud waqt il-kamp tat-Truppa li sar f’Kemmuna.

# Editorjal

Għeżiez Qarrejja,

Bi pjaċir nilqgħakom għall-ewwel edizzjoni tal-magażin annwali tal-Fgura Scout Group, imsemmi "Scout's Honour".

Navżakom illi din mhux ser tkun l-ewwel darba li l-Fgura Scout Group qegħda tippublika magażin. Lura fl-1989, meta kien għadu l-bidu kien hemm "Scout Review" u fl-1996 kien hemm "Reef Knot". Kif ukoll, fl-2005, l-aktar magażin riċenti kien ukoll jismu "Scout's Honour".

Għalfejn irriċiklajt l-isem? L-isem laqtitni l-aktar meta qrajt il-messaġġ tal-Ex District Commissioner fit-tieni edizzjoni ta' Scout's Honour fl-2006: li m'hemmx messaġġ isbaħ mill-Unur ta' Skawt. L-unur tagħna bħala skawts minn meta nagħmlu l-iskawt sign twassal simbolu illi aħna qed nippruvaw nagħmlu s-sewwa, u li aħna nistgħu nkunu fdati. U fl-aħħar mill-aħħar il-fiduċja tagħkom fina l-iskawts twassal biex aħna nagħmlu ġid lil xulxin, kemm minn adulti għat-tfal li jwasslu l-aħjar attivitajiet u spazju biex it-tfal jilħqu l-potenzjal massimu tagħhom, kemm it-tfal għall-adulti li jwasslu sodisfazzjon fix-xogħol li jkunu qed jagħmlu, kif ukoll mit-tfal bejniethom li qed jitgħallmu minn xulxin u joħolqu ħbiberiji.

Din il-magażin hija inizzjattiva ġdida fejn qed nippjanaw li nagħmluha b'mod annwali sabiex inwasslu l-ħidma li tagħmel il-Fgura Scout Group, kemm b'mod viżwali, kif ukoll minn wara l-kwinti. Huwa mod ukoll kif aħna nistgħu nippreservaw il-proġetti li qed isiru kull sena, kif ukoll inżommu fondazzjoni b'saħħitha għall-futur.

Nirringrazzja b'mod speċjali lill-GSL Brian tal-għajnuna li tani sabiex immexxu dan il-proġett, kif ukoll lill-ftit artikolisti li għamlu l-parti tagħhom.

Kull min jixtieq jikkontribwixxi b'xi artiklu għas-sena d-dieħla jista' jagħmel dan billi jkellem lili jew lil GSL. Huwa ta' pjaċir li nħaddnu valuri edukattivi fl-iskawt grupp tagħna u naqsmu t-talenti tat-tfal.

Insellmillkom,

Andrew Lombardo

# Message from the Chief Scout

Dear Scouts, Leaders, Parents and Supporters of the Fgura Scout Group,



The success of a scout group is not measured in terms of money, size or how loud their band is. It is measured in terms of the positive impact on the lives of our members. It is measured in terms of how successful we are in providing our scouts with a safe and fun environment for them to learn, grow and have fun.

It is therefore a pleasure to credit the Fgura Scout Group for their sterling work with our young members in the scouting and local community.

Like everything else worth doing in life, our scouting journey is filled with unexpected challenges and plot twists. Running a successful scout group – with all the personalities, difficulties and situations that crop up – is not an easy task. I would like to thank the leaders for their dedication, experience and will-power to make this happen.

Finally a reflection on the community at large and how scouting fits into the picture...

In a society where the family and our values are increasingly under pressure, there is a greater need for a second place to call home, to impart friendship, knowledge and values. To challenge you to do better, and to allow you to make mistakes and learn from them. Sometimes also to act as a buffer for the ups and downs of life. Scouting is not intended to replace the family unit, but it certainly has an impact on our society in supporting it.

With this in mind, I also thank all the parents, supporters and helpers of the Fgura Scout Group, who in their own way, allow us to continue in our mission to make the world a better place.

Wishing you the very best for the future.

Yours in Scouting,

Kevin

# Message from the Chief Commissioner

Dear Fgura Scout Group Leaders, Members, Parents and Supporters,

As we approach the end of another remarkable year with the Scout Association of Malta, I want to take a moment to express my sincere gratitude to the Fgura Scout Group. Your unwavering commitment, enthusiasm, and dedication to the principles of scouting have not only enriched our organization but have also positively impacted the lives of countless young individuals.

Your collective efforts in organizing inspiring events, fostering a sense of community, and instilling invaluable skills in our scouts have truly exemplified the spirit of scouting. The successes we've achieved together are a testament to your hard work and passion.

As we embark on a new year filled with exciting possibilities, I am confident that the Fgura Scout Group will continue to be a beacon of excellence within our association. Thank you for your outstanding contributions, and I look forward to celebrating many more milestones together.

Yours in Scouting,

Anton Pisani



# Introduzzjoni mill-GSL



L-2023 kienet sena partikolari għalija personali, kif ukoll bħala l-ewwel sena fit-tmun ta' tim dinamiku fi ħdan il-Fgura Scout Group. Hekk kif spjegajt fl-ewwel diskors waqt l-laqgħa ġenerali annwali tal-grupp, l-ewwel sena kienet waħda transitorja u ddedikata fuq t-tisħiħ tas-sezzjonijiet, inkluż l-banda; l-involviment tal-ġenituri u sapport lil Leaders, Kunsill u Rovers.

Kienet ukoll sena mpenjattiva ferm, fejn waħda mill-miri tagħna kienet li nuru aktar preżenza fil-kommunità; kemm fejn jidħlu attivitajiet, kif ukoll deċiżjonijiet ta' ċertu portata b'mod partikolari fejn jidħlu opportunitajiet għaż-żgħażagh u l-iżvilupp tagħhom.

Rajna kif permezz ta' ħidma kollettiva stajna nkunu pjuttost protagonisti f'attivitajiet kbar fil-kommunità bħal 'Car Free Day' fl-okkażżjoni tal-Jum tal-Mobilità u l-Presepju Ħaj waqt l-attività tal-Milied.

Kien pjaċir tiegħi li matul din is-sena kelli naħdem ma' kull sezzjoni fil-grupp, mal-ġenituri, mal-membri u fuq kollox mal-Kunsill tagħna. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil-leaders kollha u lill-membri tal-kunsill li minkejja l-isfidi li ltqajna magħhom u l-programm li kellna għal matul din is-sena kienu dejjem hemm lesti bil-komma mxammra biex jagħtu l-opinjonijiet tagħhom u jagħtu s-sehem tagħhom bla tlaqliq. Grazzi ukoll lill-ġenituri li dejjem kienu ta' sapport għalina wkoll u fuq kollox, kemm jien kburi bil-membri li għandna li dejjem lesti sabiex jilqgħu bi ħġarhom il-programm tal-moviment tagħna.

Nħares 'il quddiem għal sena ġdida mimlija risq u barka. Sena li fiha se nkattru il-ħbiberiji ta' bejnietna u niffukaw fuq t-tisħiħ tal-karattri tal-membri tagħna permezz ta' tagħlim informali kemm fuq livell nazzjonali, kif ukoll b'esperjenzi barra minn Malta. Barra minn hekk se nkomplu naħdmu fuq il-bżonn li l-grupp jkollu żona dedikata għall-attivitajiet ta' l-iskawts, bl-ebda tfixkil u f'ambjent trankwil.

**Brian Farrugia**

# Rappreżentanza fil-World Scout Jamboree ġo Korea

Mill-Fgura Scout Group, kellna 3 membri li rrapreżentawna fil-25 World Scout Jamboree ġewwa l-Korea t'Isfel li laqat 'il fuq minn 45 elf scout minn madwar id-dinja.

"Għalija jamboree huwa mod kif tikkomunika ma' nies barra minn Malta u huwa mod kif tagħmel ħbieb ġodda u tesperjenza affarijiet differenti. Permezz tal-jamboree esperjenzajt ħafna affarijiet u emozzjonijiet differenti, eżempju meta rajt il-membri kollha l-ewwel ġurnata ma ridtx immur għax bdejt nibża' li mhux ħa nagħmel ħbieb imma imbagħad wara li tqatta jumejn magħhom tidrahom u nsiru iktar magħqudin li għalija ġew qishom it-tieni familja. Għalija dawk it-3 ġimgħat għaddew malajr u jekk ikun hemm jamboree ieħor immur mingħajr ma naħsibha darbtejn."



**- Kaya Vassallo**

"Din il-jamboree kienet waħda trasformattiva.

Kellna sfidi mill-bidu nett meta wasalna l-campsite fis-sagħtejn ta' filgħodu, u baqa' jkollna sfidi sal-aħħar tal-jamboree. Minbarra l-isfidi li ffaċjajna flimkien, għamilna ħafna ħbieb ġodda, mhux biss bejnietna l-Maltin u l-Għawdxin minn scout groups differenti imma anke scouts barranin. Eżempju l-patrol li jien, Steven u Kaya konna fiha ikkampjajna fuq plot ma' scouts miċ-Ċipru u sirna ħbieb tajbin magħhom. Sabiħ immens tara dawn il-kulturi minn kull rokkna tad-dinja miġburin f'post wieħed. Il-fatt li kellna nitilqu kmieni mill-kamp daqshekk ħesrem għamlet il-goodbyes tagħna ma' ħaddieħor b'valur għolja.



Madankollu dan il-vjaġġ ta' ħafna emozzjonijiet u sfidi li kulħadd għadda minnhom flimkien, għenitna nikbru aktar bħala persuni, u fl-aħħar mill-aħħar ingħaqadna aktar flimkien bħala kontinġent u sirna qisna familja.

Kull min jitfaċċalu din l-opportunita' inħeġġiġkom toħduha, għax minkejja l-għoljiet u n-niżliet li tista' tara, ħa tikber minnha, ħa titgħallem ħafna fuq il-ħajja, ħa tiltaqa' ma' ħafna nies u fuq kollox dejjem hija esperjenza sabiħa immens."

**-Andrew Lombardo**



"Il-jamboree għalija huwa 'the peak of scouting', u naħseb nitkellem għal kulħadd meta ngħid li l-iktar attivita' li nkun eċitat għaliha huma l-kampijiet li jkollna. Il-jamboree huwa l-aħjar kamp li tista' tieħu sehem ġo fih: għandek iktar scouts, iktar ħin magħhom u ambjent totalment differenti minn dak li drajt. Dawk it-3 ġimgħat għalija kienu fost l-aħjar 3 ġimgħat ta' ħajti, għalkemm li kellna ħafna sfidi li qas nista' nibda neqred fuqhom. Għalkemm li kellna kull problema, aħna xorta kellna spirtu għoli u xejn ma setgħa jdejjaqni. 'A scout is to smile and whistle under all circumstances' – din il-kwotazzjoni ta' Robert Baden Powell kont nismagħha ħafna meta kont fit-troop minn leader partikolari u l-jamboree kien hemm episodju fejn ftakart f'din il-kwotazzjoni, kienet il-ġurnata tal-evakwazzjoni minħabba t-typhoon imma aħna l-iscouts Maltin konna qegħdin inkantaw qisha kienet l-aħħar ġurnata fuq id-dinja. Għidt meta persuna normali bħalissa tkun qed tirrabja jew tibki, aħna l-iscouts qed inkantaw. Diġa' għandi moħħi ssetjat fuq Roverway u WSJ27 u nissuġerixxi li kulħadd mill-inqas jikkunsidrahom."

**-Steven George Borg**














**World Scout Jamboree, Korea 2023**





# Il-Beavers fl-2023

Reġgħat għaddiet sena oħra mimlija ħidma, avventuri u gost mal-kolonja tal-beaver żgħira tagħna. Bħal kull sena ma tistax ma tiftakarx fl-ostakli li ltqajna magħhom, pero' l-ferħ li jtuna ż-żgħar tagħkom dejjem jissupera kollox.

Kellna diversi avventuri fejn bil-programm tagħna l-beavers ikunu inkorraġġuti jevolvu kemm individwalment, bħal meta immorru xi mixja fil-kampanja 'l bogħod mill-ħajja ta' kuljum, nagħmlu crafts jew xi ħaġa tajba għal żaqna. Jevolvu wkoll b'attivitajiet li jitgħallmu jaħdmu f'għaqda mal-oħrajn bħal din is-sena meta kellna l-opportunita' li nuru t-talenti tagħna. Nemmnu ħafna billi nużaw il-beraħ ta' madwarna nitgħallmu li d-dinja madwarna hija sabiħa u mhijiex ta' min toħodha 'for granted.'

Is-sodisfazzjon tagħna l-leaders huwa meta naraw membri ġodda li bil-kemm ikunu jridu jidħlu mill-bieb tal-headquarters tagħna, iżda wara sagħtejn magħna tarahom kunfidenti jimxu għas-sezzjoni li jmiss! Madankollu hemm xi ħaġa aqwa minna li sfortunatament rari narawha. Din is-sena ngħaqdet magħna leader żgħażugħa li xi darba mhux 'il bogħod ħafna kienet beavers bħaċ-ċkejknin tagħkom! Niffirħilha u nawgurala tgħaddi dak kollu li tgħallmet għal ħafna snin li ġejjin.









# Il-Cubs fl-2023

F’kull attivita’ li nagħmlu, nimmiraw li nikkoveraw sitt aspetti importanti fil-karattru tat-tfal – dak soċjali, fiżikali, intellettwali, kreattiv, emozzjonali u spiritwali. Kultant f’attivita’ waħda, aktar minn wieħed minn dawn l-aspetti jiġu kkoverati u fil-kamp immissuhom kollha. Dawn isiru ġo ambjent ta’ gost u involviment b’mod pratiku.

Dawn huma l-aktar attivitajiet li spikkaw fl-2023......







Domus Romana/Rabat – Mar 2023

Cultural Visits – Jan 2023





Laqgħat mas-Sedqa fuq Bullying u Self-Esteem

Selmun/Imġiebaħ Hike – April 2023









Badge Workout Camp – May 2023



Valletta by Night – Aug 2023



National Water Conservation Centre – May 2023



Harbour Cruise – August 2023



Spiritual Session fuq Kritika – Sep 2023





Festa Scouts – Oct 2023



Tennis Activity – Dec 2023

# It-Truppa fl-2023



It-Truppa, kemm aħna kburin bihom u x'sena kellna!

Kellna sena memorabbli ħafna dan għaliex it-tfal stess kienu nvoluti fl-ippjanar tal-attivitajiet tal-2023. B'kollox kellna madwar ħamsa u tmenin ġurnata ta' scouting, dawn jinkludu- 4 kampijiet, tal-Għid, tas-Sajf, tal-Joti u tax-Xitwa, mawra s'Għawdex, jumejn Kemmuna, Zulu challenge, Expedition, Backwoods cooking, Ready Steady cook, Olive picking, Orienteering, Għawm u BBQs, Pioneering projects, First Aid activity, u ħafna oħrajn!

Apparti minn hekk dis-sena kellna wkoll it-Talent show u t-Truppa verament ħadmu flimkien u taw xow tal-ġenn. Dan kollu ma setgħax iseħħ mingħajr id-dedikazzjoni u l-enerġija tal-leaders tat-Truppa! Grazzi mill-qalb!

Fl-aħħar u mhux l-inqas grazzi kbira tmur għall-għajnuna u l-apprezzament li nirċievu mingħand il-ġenituri u t-tfal. Iss' ejja ħa nippreparaw għall-2024.

SL Liana









# Zulu Challenge

L-ewwel edizzjoni taz-Zulu challenge kienet f'Jannar ta' 2019. Il-leaders ħassew il-bżonn li fl-aħħar tas-sena ilaqqgħu il-patrols tal-Fgura biex jikkompetu u jieħdu pjaċir. Waqt iz-Zulu challenge kull patrol issegwi rotta b'checkpoints. Fejn kull checkpoint kull patrol ikollhom xi attività x'jagħmlu biex iksbu massimu ta' 100 punt fil-ħin stipulat. Il-patrol li ġġib l-iżjed punti tirbaħ iz-Zulu shield dakinhar tal-AGM u jkollhom isimhom imnaqqax fuqha. L-iskop taz-Zulu challenge huwa biex tqajjem entużjażmu, għaqda, taħbil il-moħħ, u kreattività bejn il-membri. Is-sitt edizzjoni taz-Zulu Challenge se ssir fit-13 ta' Jannar 2024, ħa naraw liem patrol se tirbaħ.

Ir-rebbieħa tal-aħħar edizzjoni kienu “Spanjulett Patrol”.









# L-Espedizzjoni ta’ din is-sena

Espedizzjoni hija mixja twila fejn grupp ta' madwar tmienja, isegwi rotta fuq mappa. Normalment il-mixja tkun iktar minn 20km, maqsuma fuq minn tal-inqas lejl. Il-grupp irid iġorr l-apparat kollu tiegħu personali u anke tal-grupp bħal tined, stoves u ikel. Apparti minn hekk espedizzjoni ikollha tema, did-darba għażilna tema 'Survival techniques'.

Sintendi l-grupp li jkun se jagħmel espedizzjoni irid iħejji ruħu sew għaliha. Preparamenti minn qabel jinvolvu- ippjanar tar-rotta, tqassim tal-irwolijiet, l-apparat, l-ikel, risk assessment, trasport etċ.

Qabel immorru għal espedizzjoni nagħmlu mixjiet iqsar biex iħejjuna sew għall-mixja twila. Nitgħallmu x'apparat għandek bżonn, kif għandek tippakja, x'ikel u nutrijenti għandek iġġib, u kif tuża mappa.

Fil-ħdax ta' Marzu ta' 2023, ħamsa truppa u tlieta ventures erħejnilha lejn l-Imdina biex nagħtu bidu għall-mixja ta' 40km li pjanawa huma stess biex jilħqu l-quċċata tal-Orienteer beġġ. Però bħal kollox fl-iscouts, kull biċċa xogħol li tagħmel tmur lill' hinn milli tikseb il-beġġ. Flimkien ma' daż-żgħażagħ dħaqna, għejjejna, skoprejna b'postijiet sbieħ, bnejna memorji ġodda u rrealiżżajna kemm trid tkun fiżikament u anke mentalment b'saħħtek biex tagħmel espedizzjoni.

Il-mixja bdiet mill-Imdina, sa Għajn Tuffieħa campsite. Kif wasalna l-campsite armajna t-tined u sajjarna tortellini. Qabel irqadna inġbarna madwar in-nar u wara rħejnilha għar-raqda. L-għada ppakjajna, u mxejna lejn Binġemma biex segwejna l-Victoria lines u spiccajna l-Madliena.

Fir-realtá daw' l-iscouts imxew 40.9km, waqt riħ Forza 5-7. Fl-ewwel ġurnata imxew 24km u telgħu għoli ta' 475m, waqt li fit-tieni ġurnata imxew 16.9km u telgħu 547m.

F'espedizzjoni nemmen li verament joħorġu l-kuluri sbieħ ta' kull karattru u s-sabiħ li taħdem ġo grupp magħqud. Il-video fuq Youtube ta' din l-espedizzjoni jixhed dan kollu. https://youtube.com/watch?v=Ssx8Ixy4ja4&si=XvIGJ3q7Wueu5Dpe

Xi kummenti ta' membri li ppartećipaw:

*Meta rajt li ser ikollna nagħmlu 40km f'jumejn u mmorru ħdejn it-torri tal-Qarraba kont diġa qtajt qalbi. Ir-rotta ma setgħetx tkun aħjar u bħala ġranet kienu imqassmin tajba.* **Kaya Vassallo**

*Id-distanza ma kinitx ċajta u qatt ma rajta possibili għalija. imma wara ftit sagrifiċji, indunajt kemm tgħallimt u ħadt gost ma' sħabi. Kienet esperjenza fenomenali.* **Ian Magro**

*L-esperjenza tiegħi tal-espedizjoni kienet tajba, ħadt gost nimxi mal-ħbieb u kienet esperjenza ġdida għalija.* **André Gouder Costa**









# It-Truppa f’Kemmuna

“Hekk kif smajt b’din l-idea li norganiżżaw xi ħaġa f’Kemmuna, mill-ewwel daħħaltha f’rasi li jien għandi nagħmel minn kollox biex din l-attività issir. Wara tliet ġimgħat ta’ xogħol, laqgħat u preparar, fit-2 ta’ Settembru bdiet l-operazzjoni “Scouts Ahoy”. Din l-esperjenza, fl-opinjoni tiegħi kienet ta’ gwadann kbir fejn jidhol ħbiberiji u ħiliet bħala scouts. Il-fatt li qattajna jumejn fuq gżira fejn kilna, rqadna u ħadna gost flimkien kellna ċ-ċans napprezzaw is-sbuħija ta’ Kemmuna. Mingħajr l-għajnuna ta’ kull scout, kemm leader kif ukoll membri li ħadmu flimkien, din l-esperjenza ma kinitx isseħħ. Minn hawn ngħid Grazzi kbira lil-leaders u lil kulħadd li ta sehmu biex din il-ħolma issir realtà. Hekk nista’ ngħid li mhux mort Kemmuna u rajtha biss, imma irqadt fuqha u qattajt żmien sabiħ ma’ sħabi li mhux se ninsa qatt.” – **Ian Magro**








# Il-Ventures fl-2023

Din is-sena rajna l-Venture Unit tagħna terġa' tieħu l-ħajja: bil-membri ġodda u aktar membri li ser jingħaqdu magħna! Gawdejna minn sena li minkejja ż-żgħażagħ ta' din l-eta' ikollhom ilaħħqu mal-istudji tagħhom, xorta waħda kellna diversi attivitajiet interessanti u ta' pjaċir: fosthom kampijiet, abseiling, kayaking, cookouts, hikes, għawm u anke kompetizzjoni tat-tisjir. Barra minn hekk il-ventures tagħna bdew ħadmu fuq il-programm tagħna l-Olympian Award, kif ukoll xi membri pparteċipaw f'seminar sabiex ikunu jafu kif il-programm twassal biex issaħħaħ il-karattru u l-valuri ta' dawn iż-żgħażagħ. Nistgħu ngħidu illi s-sena d-dieħla ser inkunu qegħdin inkomplu nsaħħu l-programm tagħna u noħorġu rġiel u nisa mill-Unit.













# Ir-Rovers fl-2023

Tul din is-sena ir-Rovers organizzaw, għenu u pparteċipaw f'diversi attivitajiet, filwaqt li assisstew f'sezzjonijiet oħra tal-grupp jew wara l-kwinti. Bdejna is-sena bl-iScout, fejn flimkien ma' sezzjonijiet oħra irnexxielna inpoġġu l-Fgura fuq il-mappa. Kellna bosta attivitajiet ma' Rovers ta` gruppi differenti, kif ukoll bejnietna, li kienu jikkonsistu f'football tournaments, abseiling, paintball jew National Trail.

Irnexxielna wkoll, nagħmlu ġabra għall-klieb fost il-grupp, li pprovdejna lil Noah`s Ark Dog Service kif ukoll assisstejna fit-tindif. Din is-sena wkoll xtaqna nagħmlu l-parti tagħna biex inżiedu l-viżibilta` tal-Fgura Scout Group billi, bl-għajnuna ta` sħabna l-leaders, irnexxielna nagħtu wiċċ ġdid lill-garaxx tal-grupp. Tajna s-servizz tagħna lid-dar tal-providenza billi assisstejna fil-preparamenti tad-djarji. Għenna wara l-kwinti fit-talent show u kellna l-opportunita` li mmexxu l-Christmas stand tal-Fgura Scout Group.











BEFORE
AFTER


FGURA
SCOUT GROUP





# Il-Banda fl-2023

Matul is-sena 2023, is-sezzjoni tal-banda laqgħet membri ġodda, u flimkien ħdimna ħafna biex nintroduċu marċi ġodda. Dawn il-marċi ġew ppreżentati waqt il-talent show u se jindaqqu waqt il-parati. Fis-sena li ġejja qed nippjana li nintroduċu l-bagpipes fis-sezzjoni tal-banda tagħna, u determinati li nkomplu naħdmu fuq mużika ġdida.

Barra minn hekk, qed infittxu membri ġodda li huma intesressati li jingħaqdu mal-banda. Dawk interessati huma ġentilment mitluba jikkuntattjaw lill-band leader.









# Il-Group Council fl-2023

Il-kunsill magħmula minn ġenituri voluntiera fil-grupp jagħmlu ħafna xogħol minn wara l-kwinta biex jgħinu fil-funzjoni tal-grupp. Dis-sena għenu f'xi manutenzjonijiet fl-HQ kif ukoll dejjem jiġu jagħtu daqqa t'id fit-tisjir waqt kampijiet kif ukoll jgħinu fil-Fund Raisers tal-grupp. Minn hawn nixtiequ nirringrazzjawhom tas-sapport li jagħtuna!











# Kampijiet tal-Grupp

## Group Easter Camp











## Group Summer Camp







# JOTA JOTI Camp










# Winter Camp







# Attivitajiet tal-Grupp

## Talent Show





## Carnival Party



## Place Making Event




## Family Fun Walk



## Car Free Day



# Personalità tal-Iskawts: Bear Grylls

**Kitba ta' Kristina Galea**

Bear Grylls (li fil-verita' jismu Edward Michael Grylls), għamel ħafna suċċessi f'ħajtu u huwa magħruf l-iktar għall-avventuri tiegħu. Edward Michael għandu 49 sena u twieled ġewwa Donaghadee, fl-Irlanda ta' fuq ġewwa r-Renju Unit. Dan studja ġewwa Eton College.

Wieħed mill-irwoli importanti tiegħu huwa 'Chief Ambassador' tal-iskawts kollha tad-dinja. Huwa rnexxielu jilħaq din il-kariga fis-sena 2009 meta kellu 34 sena. Huwa bħala Chief Scout jagħti inspirazzjoni kbira bl-avventuri li għadda minnhom li wassluh jikseb suċċessi fid-dinja tal-iscouting. Huwa magħruf ukoll bħala l-iżgħar "Chief Scout" fl-istorja tal-iscouting fid-dinja.

Fost il-ħafna suċċessi li għamel huwa magħruf ukoll għall-programmi televiżivi li għamel kif ukoll tista' ssegwih fuq il-pjattaforma fejn hemm jaqsam ħafna mill-avventuri li jidħol għalihom u jesperjenza. Uħud minn dawn l-esperjenzi huma meta tela' l-muntanja Everest, meta mar paragliding mal-marina reali u meta kiser dahru fi tliet postijiet differenti f'inċident bil-paraxut. Bear Grylls kiteb aktar minn 20 ktieb u l-iktar ktieb li nbigħ huwa ktieb li jismu 'Mud, Sweat and Tears.' Huwa għamel tliet snin fl-armata bħala suldat fil-forzi speċjali Brittaniċi bħala parti mill-21 SAS Reġiment. Meta Bear Grylls kien għadu żgħir, kien jittrenja Skydiving u kellu black belt ġo Shotokon Karate.

Bear Grylls għandu jkun persuna li jispirana għax għalkemm f'dawn l-avventuri kellu ħafna ostakli bħal meta kiser spaltu fl-Antartika jew meta gidmu skorpjun fid-deżert Sahara, dan qatt ma qata' qalbu u baqa' dejjem isib sfidi ġodda u akbar.



# L-Istorja tal-Fgura Scout Group (1)

**Kitba ta' Andrew Lombardo**

### *Introduzzjoni*

Il-grupp tagħna għandu storja ta' 'il fuq minn 36 sena. 36 sena ta' tmexxija differenti, ta' ħafna tfal jiżvilluppaw it-talenti sal-potenzjal massimu tagħhom, u ħafna tifkiriet u memorji ta' matul is-snin. F'din is-serje ta' artikli li huma ppjanati għall-edizzjonijiet li ġejjin, ser inkunu qed naraw il-mumenti importanti fl-istorja tal-grupp tagħna. Naturalment, ser inkunu qegħdin nibdew mit-twelid tal-grupp tagħna fl-1987.

### *Fuq suġġeriment ta' patri...*

Il-Fgura Scout Group proprju bdiet meta l-Kappilan tal-parroċċa tagħna ta' dak iż-żmien, Patri Guido Micallef mar l-Assoċjazzjoni sabiex jistaqsi kif jista' jifforma grupp ta' scouts fir-raħal tagħna, f'Lulju tal-1987. Patri Guido tkellem mas-Sur Paul Camilleri li kellu esperjenza twila fl-iscouting kif ukoll lis-Sur Joseph Tabone sabiex jagħtu daqqa t'id fit-tmexxija tal-grupp.

### *L-ewwel Laqgħa u l-formazzjoni tas-sezzjonijiet ewlenin*



Fit-18 ta' Lulju tal-1987, fl-ewwel laqgħa tal-Fgura Scout Group li saret fis-sala ta' taħt il-Knisja, kien hemm preżenza ta' 30 tifel bejn l-etajiet ta' 8 snin u 14-il sena. Dawn it-tfal bdew jiltaqgħu kull nhar ta' Sibt bejn l-10 u l-11:30 ta' filgħodu.

Wara biss xahrejn, bil-għajnuna tal-1st Cospicua Scout Group, ġie organizzat l-ewwel kamp fejn fiha l-iscouts kellhom l-opportunita' jitgħallmu l-qalba tal-valuri skawteski u jsiru ħbieb. Barra minn hekk il-kunsill tal-grupp li ġie iffurmat fl-10 ta' Settembru tal-1987 stess ikkonsista minn ġenituri u ex-scouts, fejn dawn qablu illi l-grupp għandu jestabillixxi s-sezzjoni tal-Cubs Scouts. B'hekk il-grupp kiber id-doppju.

### *Qabel il-Ftuħ Uffiċjali*



Qabel ma sar il-ftuħ uffiċjali tal-grupp, il-leaders mill-bidu għarfu jaraw li joħorġu l-element ta' kwalita' u responsabbilta' mit-tfal. B'hekk bħala preparazzjoni għal qabel il-ftuħ, ġiet organizzata "training camp" għall-Patrol Leaders bejn il-25 u s-27 ta' Settembru sabiex ikollhom l-għarfien ta' kif għandhom imexxu l-Patrol tagħhom b'mod responsabbli u ta' eżempju. Dan il-kamp

irrifletta wħud mill-valuri tradizzjonali tal-iscouts, li jittellgħu rġiel u nisa sodi. F'dan il-kamp sar l-ewwel investizzjoni lill-Patrol Leaders.

### *Il-Ftuħ Uffiċjali*



Nhar id-29 ta' Novembru 1987 twieled il-Fgura Scout Group b'mod uffiċjali, b'madwar 65 membru bl-uniformi, fejn saret quddiesa u wara xi attivitajiet speċjali, fosthom l-investizzjoni ta' kull membru. Dakinhar il-Fgura Scout Group ħatru lis-Sur P. Camilleri bħala l-ewwel GSL, lis-Sur J. Tabone bħala l-ewwel SL, u lis-Sur T. Xerri bħala l-ewwel Akela.

B'mod simboliku, fuq xewqa tal-Kapillan, l-iscarf tal-Fgura Scout Group ħaddan il-kuluri ta' beige u kannella li jissimbolizzaw il-kuluri tal-Ordni Karmelitan, li huwa parti mill-identita' tal-Fgura.

### *L-Attivitajiet tal-Bidu*



Wara l-ftuħ tal-grupp, mill-bidu nett kienu jipparteċipaw f'parati, u kienu jsiru outings għall-Pack. Kif ukoll kienu jieħdu sehem f'JOTA JOTI. Il-leaders ukoll kienu diġa' qed jagħmlu l-korsijiet meħtieġa sabiex it-tfal jirċievu l-ogħla kwalita' ta' laqgħat, kif ukoll it-tfal infushom kienu qed jirċievu taħriġ fuq First Aid u jkunu attivi fl-isports.

Barra minn hekk bla ebda dubju l-qofol tal-ewwel sena fil-Fgura Scout Group kien l-ewwel kamp tas-sajf bejn it-22 u l-31 ta' Lulju tal-1988 u l-esebizzjoni li ġiet imtella' fl-għeluq tal-ewwel anniversarju tal-grupp. Dan il-progress kollu kien irrappurtat fl-ewwel AGM fit-30 ta' Jannar tal-1989.

### *Tmiem ta' Era u Bidu Ġdid għall-Grupp...*



Wara sentejn u nofs ta' ħidma, il-Fgura Scout Group rat it-tmiem tal-bidu tagħha, fejn is-Sur Camilleri irriżenja minn GSL tal-grupp sabiex iservi d-dmirijiet tiegħu lill-assoċjazzjoni. Minfloku nħatar is-Sur Joseph Tabone fejn beda jservi ħafna snin ta' ħidma fil-grupp tagħna.











# Ħidma fil-Kommunita’

Wieħed mit-temi prinċipali għas-sena 2023 kien proprju l-involviment fil-kommunita’. L-iskawts huwa magħruf għax-xogħol li jagħmel biex jgħinu fil-kommunitajiet tagħhom u jwettqu ħidma aħjar. Dawn huma uħud mill-ħidmiet:

Inawgurazzjoni ta’ AED ġdida fl-HQ bħala apprezzament għall-ħidmiet volontarja u sabiex ikollna First Aid aħjar.





Fundraising activities fejn it-tfal ipprovdew mhux biss servizz lin-nies imma taw kontribut lill-grupp.





Uħud mill-ventures jgħinu f'attivitajiet tal-kunsill.



Għotjiet ta' batteries lil Hospice, Ġabra għall-vittmi tat-terremoti fit-Turkija.






Għotja ta' donazzjoni u servizz kommunitarja mir-Rovers fl-AAA Sanctuary.



Attendenza fil-Kors “Safe From Harm”




Parteċipazzjoni f’Youth Mental First Aid Course



# Rikonoxximenti fil-Grupp tagħna

**Mountaineer Award** (Truppa) – Andrew Lombardo u Andre Gouder Costa

Dan l-award jiġbor it-tlestija tal-programm sħiħ tat-Truppa li tinvolvi ħafna ħidma sabiex titlesta f'4 snin. Dawn iż-żewġ membri rnexxielhom ilestu dan l-award f'sentejn u nofs, peress li l-award ġiet stabbilita fl-2021. Il-programm tat-Truppa tiffoka fuq il-valuri u l-ħiliet tradizzjonali tal-iskawts fejn jidħol tisjir fuq nar, espedizzjonijiet, ħbula, kif ukoll tista' tkun parti mill-organizzazzjoni ta' kamp.

**Duke of Edinburgh's International Award** (Silver) – Andrey Farrugia

Dan l-award jiffoka fuq it-tisħiħ tal-potenzjali tagħna bħala umani. Tinvolvi ħafna impenn u konsistenza fi tliet setturi differenti: l-abbilta', l-isports, u l-volontarjat kif ukoll li taffaċċja sfida ta' espedizzjoni. L-award huma fuq tliet livelli differenti l-Bronze, Silver u Gold, u ma' kull livell differenti tiżdied l-impenn tagħha.

**Rover Award** – Keith Abela

**Silver Crest Award** – Keith Abela u Jean Paul Giordimania

Dan hu l-għola award li wieħed jista' jirċievi fil-programm tal-iskawts, proprju minħabba li tirrikjedi ħafna impenn, perseveranza u tisħiħ fik innifsek, sabiex jirnexxielek tiksbu.

## Leader's Courses

**Getting Started** – Jean Paul Giordimania, Ismael Zammit u Julian Zerafa

**Basic Course** – Rebecca Muscat

Dawn il-korsijiet huma importanti sabiex ikollna leaders kwalifikati fil-grupp tagħna. Wara li jagħmlu total ta' 4 korsijiet differenti jiksbu l-woodbadge li hu l-isħubija tagħhom bħala leaders u b'hekk tkun ta' valur għall-grupp li jkollu leaders innovattivi.

## Ħajr il-Fgura

James Baldacchino: bħala ringrazzjament għall-10 snin servizz tiegħu bħala GSL fil-Fgura Scout Group.

Tony Guillaimer (Post-Mortem): bħala ringrazzjament tas-servizz volontarju tiegħu mit-twaqqif tal-Fgura Scout Group fil-group council u bħala teżorier.

# Fgura Scout Group

62, Triq il-Kuluvert, Il-Fgura

https://www.facebook.com/fgurascoutgroup/

https://www.fgurascouts.org

info@fgurascouts.org

